

## **Konferma tar-riċevuta ta' lment multiplu dwar allegat ksur min-naħa tal-Ġermanja tar-regoli tal-UE dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi**

**Numru ta' referenza: CHAP(2020)1541**

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar deċiżjoni tal-Qorti Federali Ġermaniża tal-Ġustizzja li tirrifjuta li tinforza sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Kraków, li fiha ddeċidiet li stazzjon televiżiv Ġermaniż kiser id-drittijiet personali ta' eks-priġunier tal-kamp ta' konċentrament u ta' esterminazzjoni ta' Auschwitz, billi ppubblika fuq is-sit web tiegħu l-frażi "kampijiet ta' esterminazzjoni Pollakki". L-ilmenti jallegaw ksur tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Regolament Brussell I), li ġie ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell Ia).

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP (2020)1541. Tista' tintbagħat informazzjoni addizzjonali dwar l-ilment tiegħek lill-punti ta' kuntatt elenkati [hawn](#), billi tikkwota n-numru ta' referenza msemmi hawn fuq.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll minħabba l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-[paġna apposta tas-sit web Europa](#). L-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess mezz ta' informazzjoni, dwar ir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u dwar l-azzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiegħu.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jqisu l-ilment fid-dawl tad-dritt tal-UE applikabbli u f'konformità mal-prijoritajiet tal-infurzar stabbiliti fil-[Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"](#)<sup>1</sup>.

Tajjeb li tinnota li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li taġixxi b'segwitu għall-ilment tiegħek, anki billi tniedi proċedura ta' ksur formali, l-għan ġenerali tagħha huwa li tiżgura li l-liġijiet tal-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-UE u li jkunu applikati sew. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni tista' għaldaqstant ma ssolvix is-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħek. Sabiex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, jenħtieġ li tiegħu azzjoni f'livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma tissospendix il-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni legali skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi, fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tagħha, li ma tiftaħx proċeduri ta' ksur, anki jekk tqis li seħħ ksur tad-dritt tal-UE.

Is-servizzi tal-Kummissjoni awtomatikament se jittrattaw dan l-ilment multiplu b'mod kunfidenzjali. Huwa biss fil-każ li l-ilmentatur ikun għażel trattament mhux kunfidenzjali, li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiddivulgaw l-identità jew kull informazzjoni ppreżentata mill-ilmentatur, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li kontrih ikun sar l-ilment. Id-divulgazzjoni tal-identità tal-ilmentatur mis-servizzi tal-Kummissjoni f'ċerti każijiet tista' tkun indispensabbli sabiex jiġi ttrattat l-ilment.

[Stqarrija speċifika tal-politika ta' privatezza](#) tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.

---

<sup>1</sup> C(2016)8600.